# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2001

Rikors numru 2765/99 AJM

Kawza numru

Fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 810/99 mahrug fit-2 ta' Marzu 1999 – fl-atti tac-citazzjoni numru 144/99 NA fl-ismijiet:-
Rita Camilleri
Vs
Alfred Camilleri

Il-Qorti,

Rat ir-rikors presentat fl-20 ta' Dicembru 1999 minn Alfred Camilleri f'ismu proprju u ghan-nom tas-socjeta' Camilleri Tiles Limited fejn dan, wara li ppremetta li bil-mandat ta' inibizzjoni fuq imsemmi huwa kien qed jigi mizmum milli jbiegh jew jittrasferixxi l-garage li jismu "Lucky Garage" fi Trqi Salvu Psaila, Birkirkara liema fond jappartjeni lis-socjeta' imsemmija, talab li, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, din il-Qorti tirrevoka l-istess mandat inkwantu l-istess mandat jolqot l-fond fuq imsemmi, billi ma jkunx ragjonevoli li dan jinzamm fis-sehh.

Rat ir-risposta oppozitorja tal-intimata presentata fil-21 ta’ Jannar 2000.

Rat il- verbal ta’l-udjenza tal-24 ta’ Jannar 2001 u dak tas-seduta precedenti fejn kien gie registrat hekk:-

“Il-partijiet iddikjaraw li dwar il-pendenza ta’ bejniethom rigwardanti il-bejgh tal-fond Lucky Garage, fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara waslu fi ftehim fis-sens illi:

1. Il-bilanc tal-prezz ghall-bejgh fl-ammont ta’ LM21,000 (wiehed u ghoxrin elf lira maltin) li ghandu jithallas fuq il-kuntratt mill-kompratur jigi depozitat f’kont f’isem il-kontendenti mal-Bank of Valletta branch ta’ Haz-Zebbug.
2. Il-partijiet jiddelegaw prezenzjalment lil kompratur tal-garage Lucky Garage, sabiex jiddepozita is-somma ta’ LM21,000 bilanc ta’prezz ta’ bejgh fuq konvenju esebit fl-atti ta’ din il-kawza, wara li titnaqqas it-taxxa fuq il-qliegh kapitali ta’ wiehed fil-mija (1%), f’idejn in-Nutar John Spiteri, li se jippublika l-att. Jiddelegaw ukoll irrevokabilment lill-istess Nutar biex jiddeposita din is-somma fil-kont indikat permezz ta' nota ppresentata llum stess.
3. In vista ta’ dan il-ftehim jitolbu lil din il-Qorti biex thassar u tirrevoka l-effetti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 810/99 inkwantu li jikkolpixxi l-Lucky Garage, Psaila Street, B’Kara u tikkonfermah fil-bqija tieghu.
4. Dan il-ftehim qed isir bla pregudizzju ghal jeddijiet reciproci tal-partijiet naxxenti mill-likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom.
5. Ir-rikorrent jobbliga ruhhu li jinforma lill-intimata bid-data, hin u lok tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgh u ghal kull bonfini jiddikjaraw li qed jintrabat proprio u ghan-nom tal-kumpanija.

6. Spejjes tar-rikors jibqaw bla taxxa bejn il-kontendenti."

Rat in-nota tal-intimata presentata fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2001 li biha indikat il-kont tat-tip "*Savings*" fil-fergha ta' Haz-Zebbug bin-numru 444147601.

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontendenti waslu ghal din it-transazzjoni wara diversi differimenti u provi prodotti minn kull naha billi kien jidher xieraq, anke fid-dawl tal-proceduri ta' separazzjoni pendenti bejniethom, li hekk isir, sabiex jigu salvagwardati l-interessi reciproci naxxenti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom.

Illi ghalhekk konformement mal-ftehim milhuq bejn il-partijiet kif redatt hawn fuq din l-Qorti tirrevoka parzjalment l-mandat ta' inibizzjoni numru 810/99 tat-2 ta' Marzu 1999 fl-ismijiet Rita Camilleri vs Alfred Camilleri billi tohrog mill-effetti tal-imsemmi mandat l-fond maghruf bhala "Lucky Garage" fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara b'mod li dan il-fond issa jkun jista' jinbiegh lil Anthony u Maria Concetta konjugi Borg jew lil kull terza persuna li titressaq minnhom skond it-termini tal-konvenju redatt fit-22 ta' April 1999 li kopja tieghu tinsab ezebita bhala dok AC2 a fol 35 tal-process. Ghal dan il-ghan tordna l-hrug tal-opportun kontro mandat limitatament ghall-fond fuq imsemmi u izzom ferm l-istess mandat ghal-bqija tal-effetti mobili jew immobili minnu milquta. U fl-istess hin tordna li l-bilanc tar-rikavat tal-prezz fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf lira maltin (LM21,000) jigi depositat, bl-intervent tan-Nutar John Spiteri, fil-kont Savings numru 444147601 fil-fergha tal-Bank of Valletta ta' Haz-Zebbug, liema kont huwa intestat f'isem iz-zewg kontendenti.

Fl-ahharnett tordna li kopja ta' dan id-digriet tigi notifikata lin-Nutar John Spiteri u lill-konjugi Borg fuq imsemmija, sabiex tigi zgurata l-ezekuzzjoni tax-xewqa tal-kontendenti.

Spejjes bla taxxa.

Onor Imhallef Albert J. Magri